TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

CCT/116/17/S

Charlon Zammit Stanmore
Vs
Patrick Galea ezercenti l-kummerc bhala Sogno Bagno Bathroom Centre

Illum 28 ta'Marzu,2019.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Charlon Zammit Stanmoreipprezentata fl-20 ta'Gunju,2017 u r-risposta ta' Patrick Galea ezercenti l-kummerc bhala Sogno Bagno Bathroom Centre ipprezentata fis-26 ta'Settembru,2017;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-esperta teknika il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis kif ukoll sema' x-xhieda prodotti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat ilment fuq tonalitajiet differenti ta' madum f'zewg okkazjonijiet wara li l-madum kien twahhal;

Illi fil-mertu, jinghad mal-ewwel li l-konstatazzjonijiet dwar it-tonalita fil-madum, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabdet l-esperta il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-esperta pero ma ra ebda lok li jiskartah anzi jaghmlu tieghu *in toto*;

Illi l-esperta teknika nominata minn dan it-Tribunal kienet cara fil-konstatazzjonijiet taghha u cioe li :

*"...the tiles currently laid in the garage have different shades. Some tiles have a grey shade while others have a beige shade...*

*According to the tile specifications this tile is listed to have a LOW shade variation. This meaning that the tiles should have a uniform appearance and variation in shade would be virtually inexistent and therefore not so visible...*

*This however is visibly not the case with these tiles as the shades are obviously visible..."*[1]

Illi l-konkluzjonijiet tal-esperta huma s-segwenti u cioe *"Since the variation in shade is much greater than that specified in the tile properties, it is evident that the actual properties of the tiles with respect to the shade is not in line with the required specifications"*;[2]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[3];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet **"Bugeja et vs Muscat"**:

*"...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli..."*;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal itenni li qed jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-esperta mahtura minn dan it-Tribunal;

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dak sottomess fir-risposta tal-intimat u cioe li r-rikorrent imissu spezzjona l-madum qabel twahhal ghax effettivament jidher li dan sar izda kien meta sar l-'grouting' li t-tonalitajiet hargu fil-berah b'mod car;

Illi l-varjazzjoni fit-tonalitajiet ma kinitx wahda minima u ghal dan hu responsabbli l-intimat;

Illi konsegwentement, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha fic-cirkostanzi tal-kaz u jinghad ukoll li l-intimat ma ressaqx provi in sostenn ta' dak minnu sottomess fir-risposta tieghu;

[1] Pagna 2 tar-rapport imhejji mill-esperta teknika il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis

[2] Pagna 2 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku il-Perit Arkitett Abigail Scicluna Lewis

[3] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Charlon Zammit Stanmore filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Patrick Galea ezercenti l-kummerc bhala Sogno Bagno Bathroom Centre u Jordna lil Patrick Galea ezercenti l-kummerc bhala Sogno Bagno Bathroom Centre ihallas lil Charlon Zammit Stanmore is-somma ta' 3185.00 ewros ghar-ragunijiet fuq premessi, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu minn Patrick Galea ezercenti l-kummerc bhala Sogno Bagno Bathroom Centre.

Richard Sladden Av.
Arbitru